MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1296/2002

**Giovanna Sciriha, Joseph Sciriha, Charles Sciriha, Maryanne Sciriha u Nathalie mart Rudolph Zammit.**

**-vs-**

**1. George Mifsud**

**2. Avukat Ena Cremona ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2003 giet kjamata fil-kawza is-socjeta' Deco Manufacturing Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond numru 182, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta; u

Illi l-konvenut George Mifsud u l-konvenuta Avukat Dr. Ena Cremona huma l-inkwilin u s-sid rispettivament tal-fond adjacenti, u cioe' 186, Triq il-Kungress Ewkaristiku; u

Illi l-konvenut Mifsud, jew persuni fuq inkarigu tieghu, wahhlu struttura mal-hajt proprjeta' tal-atturi, konsistenti fi struttura tal-aluminium, liema struttura qed tikkawza hsarat fil-fond tal-atturi konsistenti f'umdita' eccessiva u danni ohra li gew konstati minn diversi Periti Arkitetti; u

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u dan anke kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex inehhu l-istruttura li twahhlet mal-hajt proprjeta' tal-atturi u jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi konsegwenza ta' din l-istruttura, baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna illi l-istruttura li twahhlet mill-konvenuti, jew min minnhom, titnehha.

2. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fil-fond numru 182, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta kawza tal-istruttura li twahhlet mal-hajt proprjeta' tal-atturi.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata.

5. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi jezegwixxu huma stess dawk ix-xoghlijiet rimedjali opportuni, u dan a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluz tal-ittri legali datati 6 ta’ Awissu 2001 u 6 ta’ Mejju 2002, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa minn Joan Sciriha, I.D. 0749329(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Mifsud ipprezentata fil-5 ta’ Frar, 2003 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenut George Mifsud mhux il-legittimu kontraditur;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu giet imsejjha fil-kawza s-socjeta’ Deco Manufacturing Limited.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Deco Manufacturing Limited ipprezentata fis-26 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha eccepixxiet:

1. Illi fl-ewwel lok, dwar it-talba tad-danni, il-prescrizzjoni ta’ l-azzjoni bid-dekors ta’ sentejn a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16);

2. Illi, bla pregudizzju ghall-premessi, it-talba attrici ghad-danni hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt billi s-

socjeta konvenuta ma kkawzat ebda danni fil-proprjeta ta' l-attur kif allegat mill-istess atturi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Emanuel Grech, I.D. 249240(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' cessjoni fil-konfront tal-konvenuta Dr Ena Cremona.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jitolbu li tigi rrangata l-hsara li gew kagunati fil-fond proprjeta' taghhom minn xi xoghlijiet li saru *da parti* tal-konvenut jew is-socjeta' Deco Manufacturing li mid-dehra jiggestixi hu.

L-attrici xehdet a fol 50 tal-process u qalet li meta l-konvenut Mifsud ghamel ix-xoghlijiet bdiet hierga l-umdita' fil-fond taghha u bdiet taqa' z-zebgha. Inkarigat lill-Perit Joseph Camilleri illi rrilaxxa r-rapport a fol 5 tal-process. L-istess perit ikkonferma r-rapport fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2005.

Il-konvenut eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur izda ma ressaqx provi ghalkemm l-atturi meta gew rinfaccjati b'din l-eccezzjoni talbu s-sejha fil-kawza tas-socjeta' Deco Manufacturing Limited. Biss mid-deposizzjoni tal-attrici kien il-konvenut li kien jidher meta kien qed isir ix-xoghol u kwindi

l-atturi ma kienux f'posizzjoni li jkunu jafu jekk l-inkwilin kienx il-konvenut jew is-socjeta' imsemmija. Billi *si tratta*

ta' obligazzjoni kummercjali l-Qorti se zzommhom solidalment responsabbli.

Mid-deposizzjoni tal-perit Camilleri jidher car li l-hsara fil-fond tal-atturi giet ikkawzata mix-xoghlijiet li saru fil-fond adjacenti u kwindi t-talba tal-atturi hija fondata. Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta' msejjha fil-kawza din mhix fondata ghaliex mir-rapport peritali jidher li l-hsara bdiet tidher f'Lulju 2001 u l-kawza saret *entro* s-sentejn fil-waqt li ghalkemm is-socjeta' Deco giet imsejjha fil-kawza iktar minn sentejn wara, l-istess socjeta' giet debitament notifikata b'ittra ufficjali datata 23 ta' Gunju, 2003 u notifikata tlett ijiem wara (fol 38).

Fir-rigward tad-danni l-perit Camilleri xehed li dak li hemm bzonn huwa li tigi rrangata l-problema ghax id-danni bhalissa huma ta' entita zghira u ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tiehu konjizzjoni taghhom.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-konfront tal-konvenuta Dr. Ena Cremona;**

**1. tordna lill-konvenut u lis-socjeta' msejjha fil-kawza jnehhu l-istruttura msemmija;**

**2. tiddikjara lill-istess konvenuta u s-socjeta' imsejjha fil-kawza solidalment responsabbli ghad-danni msemmija;**

**3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;**

**4. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba;**

**5. tawtorizza lill-atturi jaghmlu x-xoghol rimedjali huma a spejjes tal-konvenut u s-socjeta' imsejjha fil-kawza taht is-supervizjoni tal-AIC Valerio Schembri.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut u s-socjeta' imsejjha fil-kawza solidalment bejnithom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------